MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Joseph R. Debono
vs
Public Broadcasting Services u b' digriet tat-12 ta' Jannar 2000 zdiedet il-kelma Limited fit-tarf u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2000 giet kjamata fir-rikors il-Maltacom p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1987 ir-rikorrent kien sofra ingustizzja f'li qala transfer vendikattiv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej.

Ir-rikorrent kien beda jahdem ma' Xandir Malta fl-1986 bhala C.C.U. fil-grad ta' TTI u dejjem ghamel xogholu tajjeb u bl-akbar serjeta`.

Wara l-bidla fl-amministrazzjoni tal-Gvern, ir-rikorrent kien gie mill-ewwel trasferit ghal Radio House. Kif mar ir-Radio House, erba' minn nies li kienu jahdmu gewwa t-Telemalta kienu ntbaghtu jahdmu fit-Technical area bhala C.C.U's. Post ir-rikorrent kienu haduh tnejn minn nies li kienu James Tanti u Mark Vassallo.

Fir-Radio House, ir-rikorrent ma kellux xoghol tieghu izda kien jissostitwixxi lil min kien ikun bil-leave jew bis-sick leave. Wara xi zmien ghaddej minn din is-sitwazzjoni kerha, ir-rikorrent tant kien imdejjaq li qabditu depression u b'ordni tat-tabib kien talab transfer ghat-Telemalta.

Meta kien ma' Xandir Malta, ir-rikorrent kien jahdem bix-shift, kellu shift allowance u kien jahdem il-Hdud u l-festi izda meta kien mar-Radio House, il-paga tieghu kienet naqset b'mod drastiku u beda jbati finanzjarjament.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata kumpens xieraq ghad-danni li sofra jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Public Broadcasting Services Limited li eccepiet:

1. Illi preliminarjament, in-nullita` tar-rikors peress illi l-entita` Public Broadcasting Services ut sic ma tezistix, izda tezisti bhala socjeta` bl-isem ta' Public Broadcasting Services Limited.

2. Illi r-rikorrent ibbaza t-talba tieghu ghal dawn l-ahhar disa' snin, ossija relattivament anke ghaz-zmien meta l-kumpanija Public Broadcasting Services Limited lanqas biss kienet tezisti, u ghaldaqstant jekk it-talba hi riferibbli ghaz-zmien antecedenti l-formazzjoni ta' Public Broadcasting Services Limited, l-imsemmija kumpanija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrent giet kontestata fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi r-rikorrent qatt ma kien u mhux impjegat tas-socjeta` Public Broadcasting Services Limited, izda kien impjegat tal-Korporazzjoni Telemalta illum Maltcom plc, u ghaldaqstant b'ebda mod ma tista' din il-kumpanija tinsab responsabbli ghal dak li gie allegat, u se mai ghandha tigi kjamata in kawza l-Maltacom plc.

5. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tal-Maltacom p.l.c. li eccepiet:

1. Illi l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Maltacom plc hija perenta ai termini ta' l-artikolu 9 ta' l-att VIII ta' l-1997.

2. Illi, bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-Maltacom plc mhijiex legittima kontradittura f'din il-procedura. Ir-rikorrent kien jahdem mad-divizjoni ta' Xandir Malta tal-Korporazzjoni Telemalta, liema divizjoni kienet amministrata u tiffunzjona separatament mill-korporazzjoni u ghaddiet ghal kollox ghand il-Public Broadcasting Services. Il-Public Broadcasting Services Limited, oltre li akkwistat l-assi kollha li kienu ta' Xandir Malta, akkwistat u assumiet fuqha wkoll id-drittijiet, l-obbligi u pretensjonijet (inkluzi drittijiet litigjuzi) u ftehimi kollha li kienu jikkoncernaw id-divizjoni ta' Xandir Malta.

3. Illi fil-meritu il-Maltacom plc tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew

preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

4. Illi r-rikorrent kien telaq mix-xoghol volontarjament u konsegwentement ma baqalu ebda relazzjoni guridika la mal-PBS u wisq anqas mas-socjeta` kjamata fil-kawza.

5. Ghaldaqstant is-socjeta` intimata talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent fil-konfront taghha. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit u semma li dahal jahdem fl-1986 ma' Xandir Malta llum PBS Limited li dak iz-zmien kienet taqa' taht it-Telemalta u li llum hija Maltacom p.l.c. Xogholu kien Camera Control Unit u dan ix-xoghol kien jikkomprendi editing, riklami, white balances u affarijiet teknici relatati mal-grad ta' TTI. Qal li xogholu dejjem ghamlu bl-ahjar mod possibbli u ma kellux ilmenti mis-superjuri tieghu. Wara l-elezzjoni ta' l-1987 Paul Abela li kien is-superjur immedjat tieghu kien qallu li kien gie trasferit ghal Radio House minhabba li kien hemm nies zejda mat-television ghalkemm dan ma kienx veru. Ir-rikorrent kompla jghid li fl-istess zmien kienu dahlu diversi persuni ohrajn fosthom James Tanti u Mark Vassallo u ohrajn illi kienu gew trasferiti ghal ma' Xandir Malta mit-Telemalta stess u dawn meta dahlu ma' Xandir Malta kienu qed jaghmlu l-istess xoghol li kien jaghmel hu qabel.

Qal li r-radio house ma kellux xoghol fiss u xogholu kien li jissostitwixxi lil min ikun bil-leave jew bis-sick. Semma li kien iqatta' sighat u granet shah minghajr ebda xoghol x' jaghmel. Qal li dik kienet umiljazzjoni kbira ghalih u konsegwenza t'hekk beda jimrad u qabditu depression

qawwija.  Semma wkoll li bata wkoll finanzjarjament minhabba li fir-radio house la kellu shift u shift allowance u lanqas kien intitolat jahdem il-Hadd.  Qal li l-paga naqsitlu b' mod drastiku u dan fi zmien meta kien ser jizzewweg. Tilef ukoll il-part time job li kellu meta ma baqax bix-shift. Semma li l-paga naqsitlu b'madwar mitt lira fix-xahar. Semma li r-raguni ghat-transfer jahseb li kienet wahda politika ghalkemm hu qatt ma semma politika waqt il-hin tax-xoghol.
Ir-rikorrent qal li llum huwa self-employed bhala agent tal-propjeta` u ilu f'dan ix-xoghol din l-ahhar sena.  Meta telaq mit-Telemalta qal li kien hemm l-iskema tat-Lm3000. Allavolja t-Lm3000 ma hadhomx ir-rikorrent xorta telaq. Semma li beda negozju ta' household u beda jiehu kors fil-marketing u salesmanship u hadem ma' diversi kumpaniji.  Qal li hu jhobb jibdel buona volonta` tieghu.

Semma li hu dahal fl-1 ta' April 1987.  Qal li hu ma giex trasferit xahar jew hames gimghat wara li beda jahdem f'Xandir Malta ghax kien dara x-xoghol.  Qal li hu dahal bhala reliever imbaghad qaleb ghax-shift.  Semma li meta jkun reliever jigifieri jidhol meta jkun hemm xi hadd sick jew leave u dam reliever ghal gimghatejn jew tliet gimghat.  Qal li hu kien TTI biss u ma kellux dritt ghax-shift u mhux it-TTI' s kollha kienu jaghmlu shift.  Bix-shift kienu jiehdu tal-Hdud u jithallsu doppju, u kien ikollhom xi tnejn jew tliet darbiet fix-xahar.  Ir-rikorrent qal li hu dahal jaghmel xoghol ta' CCU u meta kien jahdem iktar fil-festi u fil-Hdud kien jithallas iktar.

Xehed <u>Paul Abela</u> Transport Manager mal-PBS li semma li wara l-elezzjoni tal-1987 kien Chief Engineer ma' Xandir Malta.  Lir-rikorrent jafu ghax kien wiehed mill-operators ta' tahtu.  Fl-1986 ir-rikorrent kien diga` hemm u kien jiehu hsieb il-kontroll tal-cameras fil-Camera Control Unit. Abela qal li rapporti hziena fir-rigward tar-rikorrent ma kienx hemm.  Semma li Mannie Spiteri l-Head tax-Xandir kien qallu li r-rikorrent kellu jigi trasferit minn maghhom ghal xi mkien iehor izda ma kienx tah raguni ghaliex.
Abela qal li kien is-superjur tar-rikorrent waqt li Mannie Spiteri kien is-superjur tieghu.  Wara ftit li gie trasferit ir-rikorrent ghar-radio kienu marru xi erba' jew hames

persuni fosthom Martin Mercieca, Mark Vassallo u Frans Lia. Qal li ma jafx jekk ir-rikorrent kienx sofra xi telf finanzjarju meta gie trasferit izda qabel ma gie trasferit kellu x-shift allowance u kien jaghmel l-overtime ukoll. Dawk li dahlu kienu dahlu bhala trainees u ghamlu zmien jittrejnjawhom waqt li r-rikorrent ma kienx trainee. Qal li dwar radju u televizjoni, dawk kienu zewg dipartimenti bl-istess gradi.

Xehed <u>Toni Abela</u> rapprezentant tal-PBS li qal li s-Sur Debono kien dahal jahdem mat-Telemalta fl-1 ta’ April 1987 bhala Telecom Technician 1. Kien dahal fil-branka tax-Xandir bhala Camera Control Unit. Il-grad ta’ TTI ma kienx jintitolak ghax-xift. Wara xi zmien it-Television House, ir-rikorrent gie re-posted fid-dipartiment tar-radio fejn kien jaghmel l-istess xoghol izda fuq radio.

Qal li r-rikorrent ma kienx l-uniku TTI li ntbaghat ir-radio, kien hemm TTI’s ohra li ntbaghtu r-radio biex jiehdu t-turn taghhom. Meta dahal ir-radio r-rikorrent kien dahal bhala reliever ghax kienu jahdmu bix-xift. Qal li mhux il-haddiema kollha li kienu fix-xandir kienu bix-shift, anzi l-minoranza tkun bix-shift ghax ix-shift jinhadem skond l-esigenzi. Semma li r-rikorrent kien irrizenja mit-Telemalta f’April 1990 u kien applika biex jiehu l-iskema biex jiehu Lm3000 izda t-Telemalta kienet offrietlu xoghol, fit-Taqsima tat-Telefon bhala skrivan fl-istores, u hu kien accetta u ghalhekk ma kienx telaq mit-Telemalta. Kien gie transferred mit-taqsima tax-Xandir, ghat-taqsima tat-telekomunikazzjoni f’April 1990.

Qal li t-trasferiment sar wara l-elezzjoni tal-1987 izda ma ftakarx jekk hux xhur jew gimgha wara l-elezzjoni. Semma li mill-file tar-rikorrent ma jidhirx li kien inghata raguni ghat-trasferiment. Qal li kien mar haddiehor flok ir-rikorrent wara li gie trasferit fosthom James Tanti u Mark Vassallo. Ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent kien operational u kien xoghol li kien jehtieg tahrig u qal li mhux bilfors li r-rikorrent kien inghata xi tip ta’ tahrig. Qal li x-xandir hu xoghol specjalizzat u ghalkemm persuna tkun teknika bilfors ikollha bzonn xi tip ta’ tahrig, ghax dak l-apparat ma ssibu mkien iehor. Qal li hemm differenza

bejn Television House u Radio Malta u taghmel differenza fil-paga jekk persuna ma tahdimx il-Hdud. Gurnata ta' Hadd kienet tissarraf f'Lm10 sa Lm15 il-lira. Mar-Radio House rari kien li jsir overtime. Ikkonferma li Paul Abela kien is-superjur tar-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent li kien dahal jahdem ma' Xandir Malta fl-1986 jew 1987 (minhabba li ma jirrizultax car f' liema sena ezattament dahal), wara l-bidla tal-amministrazzjoni tal-Gvern fl-1987 kien gie trasferit ghar-Radio House. Ilmenti fuqu ma kienx hemm precedentement ghal dan it-transfer. Kienu qalulu li t-transfer ser isir minhabba li ma kienx hemm bzonnu f' dik is-sezzjoni. Hu lmenta li dan it-transfer irrekalu dannu finanzjarju u psikologiku minhabba li kien f' xoghol li ma joghgbux apparti milli tilef il-flus tax-shift u l-Hdud. Irrizulta li wara li gie trasferit dahlu nies jahdmu warajh fl-istess sezzjoni li kien hu precedentement. F' ebda stadju ma nghata raguni valida ghaliex ir-rikorrent kien gie trasferit la qabel u anqas fil-kors tal-kawza.

Izda minn hawn 'il quddiem nibdew bil-problemi. Il-kawza giet originarjament istitwita kontra l-Public Broadcasting Services Limited liema socjeta` ma kenitx tezisti fiz-zmien li nghata t-transfer u ghalhekk certament li dan it-Tribunal ma jistax isib lil din is-socjeta` bhala responsabbli li ghamlet ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent meta minghajr raguni valida tatu transfer. Fi kliem semplici ma kenitx il-Public Broadcasting Services Limited li tatu t-transfer izda l-Korporazzjoni Telemalta li s-successur taghha huwa l-Maltacom p.l.c.

Il-Maltacom p.l.c. giet kjamata fil-kawza fit-12 ta' Jannar 2000 meta saret it-talba ghal dan l-iskop mir-rikorrent. Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha l-istess socjeta` eccepiet li l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront taghha hija perenta ai termini tal-Artikolu 9 tal-Att VIII tal-1997. Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, inghad:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur hidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997…

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"M'ghandux jigi accettat ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997.

Issa kien fit-8 ta' Gunju, 1999 li r-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data, u cioe' ferm wara it-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku is-socjeta' kjamata in kawza ma issollevatx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attrici, izda f'dan il-kaz, is-socjeta' kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess socjeta giet kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza fit-8 ta' Gunju, 1999 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija socjeta' ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati…

Ara wkoll is-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000 li kien kaz identiku. Ukoll it-Tribunal fil-kawza "Paul Formosa vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fit-2 ta' Marzu, 2000, iddecida li korrezzjoni li taffetwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm oppozizzjoni."

Illi jirrizulta li:

1. Ir-rikors gie prezentat fit-28 ta' Novembru, 1997;

2. Fit-12 ta' Jannar, 2000 ir-rikorrent talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Maltacom p.l.c. liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data;

3. Is-socjeta` intimata giet notifikata fis-4 ta' April, 2000 u fis-16 ta' Mejju 2000 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni moghtija mill-Maltacom p.l.c. giet prezentata tardivament u ghalhekk strettament anqas biss giet sollevata u ghall-istess raguni t-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni taghha. Il-Maltacom p.l.c. hija s-successur tal-Korporazzjoni Telemalta li kienet responsabbli ghat-transfer li ha r-rikorrent fl-1987.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Public Broadcasting Services Limited,

isib l-ilment ippruvat kontra l-Maltacom p.l.c., peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].
Spejjez kontra Maltacom p.l.c. hlief dawk relativi ghall-Public Broadcasting Services Limited li jibqghu bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------